KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 26 *ad hoc*** **IS-SITT KUNSILL**

Is-sitta u għoxrin seduta (26) *ad hoc* tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa **13 ta' Lulju, 2011** fis-6.15 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Yves Cali, Edward Cuschieri, Martin Debono u Nicolai Gauci.

**APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**

Il-Kunsilliera Sandra Camilleri, Nikki Dimech, Julian Galea u Patrick Pace avżaw li ma setgħux jattendu minħabba raġunijiet personali.
Il-Kunsill ikkunsidra l-apoloġija tal-Kunsillieri msemmija bħala raġonevoli.

**UFFIĊĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi u l-*Assistant Principal* Stefania Friggieri.

Is-Sindku ppresediet.

26.a. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-Kunsillier S. Camilleri bgħatet korrispondenza li tablet tinqara mill-Viċi Sindku waqt il-laqgħa li kienet tgħid li n-nuqqas ta' preżenza tagħha kien dovut minħabba ragunijiet ta' saħħa kif ukoll għal xi apoloġija li qed tippretendi li ssir mis-Segretarju Eżekuttiv.

26.b. Il-Kunsillier M. Debono xtaq li jirrimarka li hu ma stenniex li se ssir laqgħa tal-Kunsill nhar it-Tnejn 28 ta' Gunju għaliex normalment il-laqgħat tal-Kunsill isiru l-Erbgħa. Qal li din kienet ir-raġuni għaliex ma attendix għal din is-Seduta. Il-Kunsillier M. Debono talab li meta jsiru laqgħat fi ġranet differenti minn tas-soltu, il-Kunsilliera jiġu infurmati permezz ta' telefonata wkoll.

**26.1. Aġġudikazzjoni Tender B'Emerġenza Skart Imħallat**

26.1.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li din is-seduta 26 *ad hoc* kienet kemm-il darba ġiet aġġornata kif ukoll fakkret fid-deċiżjoni tal-Kunsill fuq proposta li kien għamel il-Kunsillier M. Debono biex il-Kumitat ta' Aġġudikazzjoni jkun magħmul mill-Kunsilliera. Is-Sindku infurmat li fil-laqgħa tal-Kumitat kienu attendew biss is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Cuschieri.

26.1.2 Is-Sindku irreferiet għar-rapport imħejji mill-Kumitat dwar din l-offerta, fejn għarfet lill-Kunsill bir-riżultat tal-evalwazzjoni li sar skont is-sistema mill-istess document tal-offerta, cioe` dak magħruf bħala M.E.A.T – most economic and advantageous tender. Il-konklużjoni tar-rapport kienet turi li żewġ offerti ġew skwalifikati minħabba li ma kellhomx id-dokumenti kollha sottomessi kif stipuat fl-offerta filwaqt li saret klasifikazzjoni ta' tlett offerenti l-oħra kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| R+A Waste Service Ltd | Ġew Skwalifikati |
| MC Cleaners | Gew Skwalifikati |
| Saviour Mifsud and Sons | L-ewwel b'66% |
| Northern Cleaning Group Ltd | It-tieni b'65% |
| Velljo Services | It-tielet b'50% |

26.1.3 Is-Sindku ipproponiet li l-offerta b'emerġenza għall-ġbir ta' skart imħallat tiġi aġġudikata lil Saviour Mifsud and Sons peress li klassifika l-ewwel kif ukoll kellu l-irħas offerta finanzjarja u li jieqaf jopera il-Kuntrattar preżenti. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsillier E. Cuschieri ivvota favur. Il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, M. Debono u N. Gauci astjenew. Il-mozzjoni għaddiet bi tlett (3) voti favur.

26.1.4 Il-Viċi Sindku qal li l-Kuntrattur preżenti għandu jieqaf jiġbor l-iskart minnufih. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li skont il-liġi l-Kunsill irid javża lill-kuntratturi li ma jkunux ingħatalhom il-kuntratt u fejn ikollhom għaxart'ijiem ċans ta'appell. Il-Kunsillier N. Gauci qal li l-Kuntrattur il-ġdid għandu jibda jopera mid-29 ta' Lulju, 2011. Il-Viċi Sindku ssekonda.

**Is-seduta ntemmet fis-6.27 ta' filgħaxija.**

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum ..L-Erbgħa.. ..10.... ta' ..Awissu.. 2011.
(jum) (data) (xahar)